MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2219/1998/1

**Joseph Montebello**

**Vs**

**Gordon Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tad-29 ta' Ottubru 1998 fejn gie premess:

Illi f'Mejju 1995 l-attur sellef lill-konvenut is-somma ta' Lm1700 brevi manu;

Illi l-konvenut ghad ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' Lm1610 bl-imghax effettiv sad-data ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Lulju 1995;

Illi l-konvenut ma hallasx dan l-ammont ghalkemm interpellat b'zewg ittri ufficcjali datati 4 ta' Lulju 1995 u 4 ta' Settembru 1998 rispettivament, liema ammont hu cert, dovut, likwidu u skadut u ghat-talba ta' l-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jgib;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi fuq it-talba ta' l-attur u dan bid-dispensa tas-smiegh kif hemm mahsub f'artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili a tenur tad-dikjarazzjoni ta' l-attur;

2. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1610 ammont dovut kif imsemmi;

3. Tillikwida l-imghax u tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas;

Bl-ispejjez inklizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 4 ta' Lulju 1995 u 4 ta' Settembru 1998 u bl-imghax kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-3 ta' Marzu 1999 li l-Qorti awtorizzat lill-konvenut jipprezenta wara x-xhieda tieghu tat-12 ta' Frar 1999, fejn gie eccepit:

Illi kif kellu jirrizulta ahjar waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza, t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-attur stante li mhux minnu li kif pretiz fic-citazzjoni sar self lill-esponent fil-valur ta' Lm1700 brevi manu u kwalsiasi self li seta' sar zmien ilu f'ammont ferm inqas minn dan jinsab pjenament sodisfatt;

U ghamel riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur fl-affidavit tieghu xehed illi fid-9 ta’ Marzu 1995 huwa sellef lill-konvenut is-somma ta’ Lm1000 u dak in-nhar *“Gordon Pace halef fuq ir-ritratt ta’ ommu li bhala garanzija tal-hlas kien ser jaghtini c-cekk tal-pensjoni tas-sigurta’ socjali tieghu. Ghamilli wkoll prokura biex inkun nista’ nsarraf ic-cekk tal-pensjoni tieghu”.* (Prokura esebita u mmarkata Dok JM10, fl-involokru a fol 33). Xehed ukoll li fid-29 ta’ Marzu 1995 sellef lill-konvenut Lm600 ohra u fit-18 ta’ Mejju tah Lm100. Zied jghid li mill-Lm1700 li sellfu ha lura Lm90 biss fit-8 ta’ April 1995;

Illi l-konvenut Gordon Pace, fl-affidavit tieghu jinsisti li huwa ssellef minghand l-attur is-somma ta’ Lm500 biss. Jghid li l-firma li tidher fuq l-iskritturi esebiti mill-attur *“mhix tieghi, jew almenu mhux jiena kont li ffirmajt dawk l-iskritturi u mhux qed neskludi li l-firma tieghi giet ikkuppjata. Jiena ffirmajt biss fuq skrittura li saret bejnietna, ossia, bicca karta li ghamilna bejnietna dwar il-Lm500 u din hu qatt ma tani kopja taghha u lanqas ma esebiha ma’ l-affidavit tieghu.”* Dwar il-prokura li taghti lill-attur il-poter biex isarraf ic-cekkijiet tas-Central Bank li jircievi l-konvenut mis-Social Services, il-konvenut jikkonferma li huwa kien iffirmaha pero` bl-intiza li l-attur ikun jista’ jsarraf ic-cekkijiet biex jithallas lura ghar-rigward tas-self ta’ Lm500. Zied jghid ukoll li l-attur qed jitlob ammont ferm izjed minn dak li ghandu jtih peress li l-imghaxijiet huma gholjin wisq;

Illi fl-affidavit ulterjuri tieghu, imbaghad, (fol. 80) il-konvenut jghid li ha minghand l-attur is-somma ta’ Lm600 bil-50% imghax. Aktarx allura li qed jirreferi ghall-ammont imsemmi f’Dok JM7 li juri li fid-29 ta’ Marzu 1995 il-konvenut issellef Lm600 minghand l-attur u li kien hemm Lm100 “interessi”.  Tidher ukoll il-firma “G Pace” fuq dan id-dokument, avolja fix-xhieda tieghu bl-affidavit l-istess konvenut Gordon Pace jichad li kien ffirma fuq xi wiehed mid-dokumenti li esebixxa l-attur, hlief fil-kaz tal-prokura;

Illi fix-xhieda tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju l-attur ikkonferma li huwa kien effettivament sellef lill-konvenut Lm1000, Lm600 u Lm100 f’tlett okkazjonijiet, u qal li qatt ma sellfu Lm500 kif qed jallega l-istess konvenut. Dwar l-iskrittura ta’ self datata 18 ta’ Mejju 1995 (Dok JM9, li tinsab fl-involokru a fol. 33) u l-fatt li l-ammonti indikati huma ta’ Lm1450, Lm700 u Lm110, (total Lm2170) u mhux Lm1000, Lm600 u Lm100, (total Lm1700), l-attur spjega li l-ftehim kien li l-konvenut kellu jtih xi qliegh minn dak li kellu jaghmel bil-flus li sellfu l-istess attur u ghalhekk kkalkula l-qliegh u inkludieh mal-kapital. Kompla jispjega illi qabel ma huwa sillfu dawn it-tlett ammonti kbar ta’ Lm1000, Lm600 u Lm100, huwa gieli silfu xi ammonti ohra u l-konvenut *“dejjem kien generuz fis-sens illi meta kien jirritorna l-flus li kont inkun sliftu kien jaghtini xi haga tal-qliegh fuqhom. Ghandi nghid ukoll li qatt ma tani trouble biex ihallasni”.* L-attur spjega li ghalkemm huwa suppost ha lura Lm2170 minghand il-konvenut, issa qed jitlob biss l-ammont nett ta’ Lm1610, li jirrapprezenta t-total ta’ ammonti li silef lill-konvenut bit-tnaqqis ta’ Lm90 li diga` thallsu mill-konvenut. *“F’dan l-istadju ghandi nghid li lanqas il-qliegh ma rrid; huwa bizzejjed li jirritornali l-flus li silftu”;*

Illi l-attur esebixxa Dok JM43 li huwa ittra datata 11 ta’ Lulju 1995 mibghuta lilu mid-difensur tal-konvenut, Dr Ian Spiteri Bailey, in risposta ghall-ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Lulju 1995 mibghuta mid-difensur ta’ l-attur Dr Emily Camilleri. Fl-ittra jghid *“Filwaqt illi l-klijent tieghi jirrispingi l-pretensjonijiet maghmula fl-istess ittra in kwantu ghall-ammont bhala infondat fil-fatt u fid-dritt, is-Sur Pace ifakkrek illi s-somma lilu mislufa kienet dik ta’ elf u mitejn*

*Lira Maltin (Lm1200) u mhux somma akbar minn elfejn mija u sebghin Lira (Lm2170)";*

Konsiderazzjonijiet:

Illi jirrizulta ghalhekk li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti f'dak li jirrigwarda l-ammonti ta' flus li l-konvenut effettivament issellef minghand l-attur. Di piu` il-konvenut isemmi li kien hemm interessi gholjin hafna, filwaqt li l-attur jghid li qatt ma tkellmu fuq interessi, izda fuq "qliegh". Fil-fatt l-attur jghid li anke l-frazi *"plus mitt Lira Lm100 interessi"* li tidher fuq Dok JM7, hija zball ghax il-Lm100 kienu jirraprezentaw qliegh u mhux interessi;

Illi l-konvenut qed jichad li l-firma li tidher fuq Dok JM6, JM7 u JM9 (Skritturi li jirreferu ghad-debitu totali ta' Lm2170) inkitbet minnu. Kif diga` inghad, l-unika firma li jaccetta li ffirma hu stess hija dik li tidher fuq il-prokura Dok JM10;

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-firem tal-konvenut li gew esebiti mill-attur saru fil-fatt minnu u jkollha tibbaza l-indagni taghha fuq dan il-punt. Il-konvenut seta' dejjem jattakka dawk id-dokumenti, pero` dan ma ghamlux;

Illi l-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-process thoss li l-verzjoni ta' l-attur hija aktar kredibbli. Ghalkemm il-konvenut qed jichad li huwa kien iffirma l-iskritturi esebiti mill-attur hlief il-prokura, il-firem fuq kull dokument kif inghad hawn fuq jidhru identici, u jaqblu wkoll mal-firma tal-konvenut li tidher fuq l-affidavit tieghu. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-konvenut mhux konsistenti fix-xhieda tieghu meta jitkellem dwar ammonti mislufa lilu. L-ewwel jghid li ssellef biss Lm500, imbaghad jghid li ssellef Lm600. Inoltre l-Qorti ma taqbilx ma dak li qed isostni l-konvenut li firma li tidher fuq id-Dok JM7 ma ffirmahiex hu. Issir ukoll riferenza ghall-ittra mibghuta mill-avukat tieghu li tghid li l-konvenut ma ssellifx is-somma ta' Lm2170 minghand l-attur izda issellef Lm1200, ammont li fi kwalunkwe kaz huwa ferm akbar minn dak li issa qed

jghid li kien issellef; dan it-tahwid kollu ma jghinx il-kredibilita` tal-versjoni tieghu;

Illi l-Qorti kkonsidrat ukoll li t-talba attrici hija inqas minn dik li tirrizulta fid-dokumenti forniti mill-konvenut u tifhem li s-somma mitluba tindika l-ammont attwalment misluf;

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li, fid-dawl tar-rizultanzi processwali li pero` ma humiex tant cari, il-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' Lm1610, stante li mis-somma ta' Lm1700 mislufa huwa kien irritorna Lm90;

<u>Imghax</u>:

Illi l-attur jipprova jiddistingwi bejn qliegh u imghax: il-konvenut jghid li kienu ftehmu fuq imghax ta' 50% (ghalkemm hemm diskrepanza dwar kemm kien il-kapital misluf) filwaqt li l-attur jghid li kellu jiehu xi qliegh, ghalkemm skond Dok JM7, redatt mill-istess attur, hemm stipulat li kien hemm Lm100 "interessi", liema kelma, skond l-istess attur tnizzlet bi zball minflok il-kelma "qliegh"; ma hemmx ghal fejn jigi ribadit li l-interessi ma humiex haga ohra hlief il-qliegh li wiehed jippretendi talli ikun silef somma flus lil hadd iehor;

Illi kien intiz li l-konvenut kellu jhallas lura lill-attur is-somma originali piu` interessi/qliegh ta' 50%, (anke jekk mhemmx ftehim dwar l-ammont ta' kapital li ssellef). Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-konvenut, fejn jghid li l-imghax kien miftieham bir-rata ta' 50% u kif ukoll mill-mod kif l-attur ikkalkula l-qliegh/interessi li huwa zied mal-kapital ta' Lml000, Lm600, u Lm100, b'mod li l-Lml000 telghu ghal Lm1450 f'ghaxar xhur, (ara Dok JM9 u JM6) is-Lm600 telghu ghal Lm700 mit-29 ta' Marzu 1995 sad-9 ta' Gunju 1995, u l-Lm100 telghet ghal Lm110 mit-18 ta' Mejju 1995 sad-9 ta' Gunju 1995. Il-Qorti jidhrilha li huwa applikabbli Artiklu 1849 tal-Kodici Civili li jistipula li imghax miftiehem f'izjed minn tmienja fil-mija (8%) fis-sena (kif jidher li ppretenda l-attur minghand il-konvenut) ghandu jigi mnaqqas sa tmienja fil-mija (8%); dawn l-interessi

ghandhom jithallsu fuq is-somma ta' Lm1610 imsemmija aktar 'il fuq.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Talba;

Tilqa' t-Tieni Talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf sitt mija u ghaxar liri Maltin sa;

Tilqa' wkoll it-Tielet Talba u tillikwida l-imghax fl-ammont ta' disa' mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm966) u tikkundanna l-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata bhala imghax.

L-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur